# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 544/2016**

**Appell Numru: 562/2016**

Il-Pulizija

vs

**Nadine Debono**

detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 194489(M).

Illum, 5 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta/appellata Nadine Debono quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-3 ta’ April, 2016, għal ħabta tas-19.00hrs u fil-ġimgħat ta qabel, bil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LGV326 gewwa t-Telgha tax-Xemxija, San Pawl il-Bahar u f'dawn il-Gzejjer:

B'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat -

1. Għamlet, ordnat jew ġagħlet li jsir tibdil fil-body, inkluz kemm jistgħu jitgħabbew passiġieri bil-qegħda jew l-arranġamenti tas-sedili tal-passiġieri, jew xi tibdil mekkaniku fix-chassis jew fil-magna ta' xi vettura bil-mutur mingħajr l-approvazzjoni miktuba ta l-Awtorita' (L.S. 65.11 Artilu 91 (1)(a));

2. Bil-ħsieb li tevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovut jew li tista' ssir dovuta, naqset milli tagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kap 368 jew tat avviż bħal dak jew fi stqarrija li tagħmel lill-Awtorita ghall-għanijiet ta' dan l-Att, tgħarif li tkun taf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali (Kap 368 Artikolu 21(1)(a)(b));

3. Mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita', żidet in-numru tas-sedili fil-vettura, biddlet jew wettqet xi tibdil fil-vettura li ma kienux imnizzla fiċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni (Kap 368 Artikolu 21(1)(g));

4. Bil-ħsieb li tevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovut jew li tista' ssir dovuta, naqset milli tagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kap 368 jew tat avviż bħal dak jew fi stqarrija li tagħmel lill-Awtorita' għall-għanijiet ta' dan l-Att, tgħarif li tkun taf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali (Kap 368 Artikolu 21(1)(o));

5. Saqet, ġagħlet jew ħallijt l-imsemmija vettura u naqset li tinforma lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta dwar it-tibdil fil-kulur tal-vettura, kif ukoll naqset li tippreżenta lill-Awtorita' ċ-Ċertikikat ta' reġistrazzjoni biex isir it-tibdil meħtieġ fih (L.S. 368.02 Artikolu 9);

6. Bħala sid tal-vettura bil-mutur, wettqet jew ippermettiet lil xi persuna oħra twettaq xi addizzjoni, modifika jew addattament fir-rigward tal-vettura mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Awtorita' (Kap 368 Artikolu 10(1));

7. Bħala persuna għamlet, jew naqset milli tagħmel jew ippermettiet li jsir jew li naqset milli jsir xi ħaġa jew xi att bil-ħsieb li tevadi jew tipposponi l-ħlas tat-taxxa ta' Reġistrazzjoni kontra l-liġi (Kap 368 Artikolu 21(1)(d).

Il-Qorti giet mitluba li tordna l-konfiska bhala parti formanti mill-Corpus Delictus ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inoltre kif mitlub mill-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Novembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-akkużi migjuba kontra l-istess Nadine Debono, semgħet ix-xhieda bil-ġurament, rat id-dokumenti ezebiti u il-provi kollha tal-każ, sabet lill-appellata Nadine Debono ħatja tat-tieni (2), raba' (4) u sebgħa (7) imputazzjoni, filwaqt li l-liberata mil-ewwel (1), tielet (3), ħames (5) u sitt (6) imputazzjoni u ikkundannata għall multa komplessiva ta' €7363.76.

Rat ir-rikors tal-appellanta Nadine Debono pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2016 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija, tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali tal-15 ta' Novembru, 2016 b'dan li fil-waqt li tikkonferma s-sentenza in kwantu ma nstabitx htija fl-akkuzi wiehed (1), tlieta (3), hamsa (5), u sitta (6), qed jintalab lil din l-onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li tillibera lill-imputata mill-htija tal-akkuzi numru (2), erbgha (4) u sebgha (7) u tal-kundanna ghal hlas ta' multa komplessiva ta' €7363.76, u tilliberaha minn kull piena u htija.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **<u>tirriforma</u>** s-sentenza appellata billi:

a. **<u>Tikkonfermaha</u>** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanta ħatja tal-akkużi numru tnejn (2), erbgħa (4) u sebgħa (7) miġjuba kontriha filwaqt li lliberata mill-akkużi numru wieħed (1), tlieta (3), ħamsa (5) u sitta (6) miġjuba kontra tagħha;

b. Tgħaddi sabiex **<u>tirrevokaha u tħassarha</u>** f'dik il-parti fejn il-Qorti ma ordnatx l-konfiska tal-vettura u tipprosegwi sabiex tordna l-konfiska tal-vettura msemmija ai termini tal-artikolu 21(2) tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellanta Nadine Debono u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju huwa riferibilment ghal-htija fl-akkuzi numru 2, 4 u 7 billi dawn ir-reati kif postulat ma humiex sernplici kontravenzjoni imma jinkwadra fil-kamp delitwali u ghaldaqstant jirrikjedu z-zewg elementi primarji tal-att u x-xjenza.
Illi kif rilevat l-ewwel Qorti l-imputata, appellanti, meta fir-rizultanzi tiddikjara li l-vettura nxtrat mill-appellanti fl-istes stat li nstabet fih fid-data tal-allegat reat u ghalhekk jinghad li hija ma kellha ebda konoxxenza tal-illegalita' allegata, anqas u anqas ma kellha l-intenzjoni kriminuza li tevadi t-taxxa, intenzjoni specifika fl-akkuzi odjerni kif del resto jirrizulta mid-dicitura tal-ligi kwotata fl-akkuzi.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, it-tieni agravju jikkonsisti filli jigi ritenut li x-xhieda tal-awtorita' ma hiex kompluta billi ghalkernm mitluba ma ngabet ebda prova tar-registrazzjoni originali tal-vettura u jew ritratti li juru l-istat tal-vettura meta effettivament giet registrata. Il-prosekuzzjoni strahet fuq dokument generat mis-sistema kompjuterizzata u mhux verifikabli billi huwa karenti mid-dettalji ta' minn dahal l-informazzjoni relattiva, min huwa l-persuna li ghamel l-ispezzjoni originali u/jew ritratti tal-istess vettura li juru dak allegat li ma kienx hemm sedili u/jew lanqas seat belts.

a. Is-semplici fatt li l-Awtorita rregistrat il-vettura (u dan mhux fuq talba tal-imputata/appellanta odjerna billi j irrizulta li din giet registrata fil-LS ta' Frar, 2016) bhala wahda kummercjali, fil-kamp kriminali, ma hux u ma ghandux jittiehed bhala vangelu minghajr possibilita' (kif mitluba) ta' prezentazzjoni u ezami tad-dokumentazjoni u l-atti originali li maghhom ghandu jsir ezami komparattiv biex jistabilixxi jekk fil-fatt sarx it-tibdil lamentat mill-Awtorita. Huwa dritt sagrosant tad-difiza li tinghata d-dritt li taghmel dawk il-verifiki kollha, u li ghalkemm din hija kawza ta' natura sommarja, ma ghandix l-iskuza tal-ispeditezza tinnega li

jingabu l-provi mitluba meta dawn huma l-provi primarji, u m'ghandiex il-Qorti tistrieh fuq provi dubjuzi, liema dubju huwa wiehed dettat mir-raguni stante n-numru ta' din it-tip ta' akkuzi li qed jitfaccaw f'salt, li jaghti x'jifhem li s-sistema ta' kontrol ma kienitx qed tahdem u li hemm xi haga oskura li l-pern taghha zgur ma hux it-terz fil-pacifiku pussess tal-oggett illum dikjarat fi stat ta' illegalita'.

b. In-nuqqas li jingabu l-provi mitluba u cioe' id-dokumentazzjoni u jew ritratti marbuta mar-registrazzjoni huwa fil-fehma umli tal-appellant gravi, meta dawn huma l-provi primarji, u dan qed jinghad fid-dawl tal-kaz partikolari fejn jirrizulta ampjament li c-cintorini tas-sigurta huma dawk originali u integrali mal-vettura, b'mod li huwa ovvju li anke jekk ghall-argument tnehhew is-sedili waqt l-ispezzjoni, originali, jibqa l-fatt li huwa ovvju li tali spezzjoni jekk saret jew jekk saret kif kellha issir, kellha tirrileva l-prezenza tas-seat belts u allura l-probabilita tat-tnehhija tas-sedil u kien jinkixef il-qerq perpetrat minn terzi fir-registrazzjoni tal-vettura.

c. Dan kollu jirrizulta jikkontrasta qawwi ma dokument misjub fost dokumentazzjoni ohra appartenti lill-istess vettura li jiddikjara li s-sedili twahlu fit-28 ta' Jannar, 2013 mis-Socjeta estera Scotseat Direct Ltd u ghaldaqstant johrog aktar car li l-appellanta ma ghandha x'taqsam xejn mad-dikjarazzjonijiet li setghu saru minn terzi dwar ir-registrazzjoni tal-vettura, u lanqas ma xi tibdil li seta sar lokalment qabel mal-vettura giet fil-pussess taghha. Liema dokumentazzjoni tinsab a dispozizzjoni tal-esponenti kif u jekk tigi mitluba mill-Qorti sabiex tigi kontrastata mad-dokumentazzjoni originali tal-vettura li jinsabu f'idejn l-awtorita' u ghal kull utli iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jista' jsir.

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, it-tielet agravju huwa dwar l-akkuza indikata numru tnejn (2) fejn issir referenza ghall-artikolu 21(l)(a) tal-kap 368, fejn jigi sottomess li dan l-artikolu mhux referibli ghall-akkuza jew cirkostanza odjerna billi l-imputata ma ghamlet xejn bi ksur tas-subartikolu citat li jaqra hekk.

> *minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita jew bi ksur ta' xi kundizzjoni /i tahtha setghet inghatat dik l-awtorizzazzjoni, ikollu fil-pussess tieghu, juza jew jippermetti /i tintuza jew*

> *ibiegh jew xort'ohra jittrasferrixxi jew johrog jew jippermetti li tinhareg minn xi depozit tad-dwana jew inehhi jew jippermetti li titnehha minn xi mkien fejn vettura bil-mutur tkun giet manifatturata xi vettura bil-mutur /i ma tkunx giet registrata bis-sahha la' dan l-Att.*

Dan billi jirrizulta kjarament li l-vettura hija registrata u hija maghrufa bin-numru citat fl-istess citazzjoni ta' LGV326 fejn dan ir-reat jippostula it-tnehhija jew trasferiment ta' vettura mhux registrata.

L-istess akkuza numru tnejn (2) tindika l-artikolu 21 subinciz l(b), liema artikolu jaqra hekk:

> *bil-hsieb li jevadi t-taxxa ta' registrazzjoni dovuta jew li tista' ssir dovuta jonqos milli jaghti xi avviz minn dawk li jista' jinhtieg li jaghti skont l-artikolu 4 jew l-artikolu 10(1) jew l-artikolu 18(1)(g) jew jaghti f'avviz bhal dak jew fi stqarrija li jaghmel lill-Awtorita ghall-ghanijiet ta' dan l-Att taghrif li jkun jaf li ma jkunx korrett jew shih f'xi dettall materjali; jew*

hawn issir referenza ghall-artikolu 4 tal-istess att li jirrigwardja l-importazjoni,

> *Kull min jimportajew idahhal vettura bil-mutur f'Malta, kull persuna li toqghod f''Malta li ddahhal f'Malta vettura bil-mutur minn Stat Membru iehor taht kuntratt ta' lease jew kiri ghal perjodu li jkun soggett ghall-hlas ta' taxxa tar-registrazzjoni skont l-artikolu 3(2) u kull min jimmanifattura vettura bil-mutur f'Malta ghandu, mhux aktar tard mill-ewwel gurnata ta' xoghol wara li l-vettura tasal Malta jew tkun manifatturata, jaghti avviz ta' dik l-importazzjoni, dhul jew manifattura lill-Awtorita b'dak il-*

*mod hekk kif tista' tordna l-Awtorita minn zmien ghal iehor; Jew hekk kif jista 'jigi preskritt b 'regolamenti.*

u l-artikolu 10 li jirrigwardja il-klassifikazjoni registrata tal-vettura u jaqra hekk:

*bla hsara ghal ma jinsab f'xi ligi ohra l-ebda sid ta' vettura bil-mutur li giet ikklassifikata Jew ikklassifikata provizorjament taht dan l-Att ma ghandu jwettaq jew jippermtti lil xi persuna ohra twettaq xi addizzjoni, modifika jew adattament fir-rigward tal-vettura minghajr awtorizzazzjoni bil-mitkub mill-Awtorita.*

Hawn il-ksur tal-ligi huwa (kif sottolinejat) f'li taghmel jew thalli jsir tibdil jew modifika, fejn mill-atti jirrizulta li l-vettura kienet mixtrija kif instabet waqt l-ispezzjoni ndikata fic-citazzjoni.

Fil-waqt li l-artikolu 18 jitkellem fuq vetturi bil-mutur li jiddahhlu f"Malta temporanjament u s-sub artiklu l(g) jitkellem fuq vetturi ezenti u eccezzjonijiet relattivi li ma humiex relatati ma dan il-kaz.

Ghaldaqstant ghandu jirrizulta li s-semplici pussess ta' vettura b'xi nuqqas (kif allegat u rizultat mill-process) ma jinkwadrax fl-artikoli tal-ligi citati u formanti parti ntegrali mill-akkuza u is-sentenza tal-ewwel Qorti, dan billi qari akkurat tal-ligi jindika car li l-ligi qieghda tippunixxi t-twettieq tal-att maghmul minghajr awtorizzazzjoni u mhux il-pussessur de quo.

4. Illi subordinatament u bla pregudizzju, ir-raba aggravju li qieghed jinghata minghajr pregudizzju ghall-agravji precedenti huwa dak rigward ir-raba (4) akkuza li tirreferi ghall-artikolu 21(1)(0) tal-Kap 368 li jaqra hekk:

*0) bil-hsieb li jevadi t-taxxa tar-registrazzjoni dovuta jew li tista' tkun dovuta jonqos milli jaghti avviz li jista' jkun jehtieglu jaghti skont l-artikolu 4, l-artikolu 10(1) jew*

*l-artikolu 18(1) (g), jaghti f'avviz bhal dak jew f'xi stqarrija li jghaddi lill-Awtorita ghall-ghanijiet ta' dan l-Att informazzjoni li huwa jkun jaf li hija skorretta jew mhix kompluta f'kull aspett materjali,*

A skans ta' ripetizzjoni, dan l-artikolu qed jerga jaghmel referenza ghal l-istess sub-artikoli fuq indikati fejn la qed nitkellmu fuq importazjoni, lanqas fuq zdoganar u lanqas fuq importzjoni temporanja, u ghaldaqstant ma hux applikabli fix-xenarju tal-kaz odjern li ghandha quddiema din il-Qorti.

Kif ukoll jidher car li wiehed mill-elementi necessarji sabiex jisussiti dan ir-reat hija ix-xjenza malinja li dan l-att qieghed isir sabiex tigi evitata it-taxxa, xjenza ghal kollox karenti fl-imputata appellanta.

5. Illi subordinatament u bla pregudizzju, il-hames aggravju li qieghed jinghata minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti huwa rigward is-seba' (7) akkuza li tirreferi ghall-artikolu 21(1)(d) tal-Kap 368 li jaqra hekk:

*d) jaghmel jew jonqos milli jaghmel jew jippermetti li ssir jew li tonqos milli ssir xi haga jew xi att bil-hsieb li jevadi jew jipposponi l-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni kontra l-ligi;*

Huwa car u manifest li dan ma hux reat maghruf bhala strict liability, izda huwa reat li jirrikjedi xjenza specifika kif delinejata fil-ligi u cioe' il-hsieb li jevadi jew jipposponi l-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni kontra l-ligi. Sitwazjoni fi stat ta' prova totalment nieqsa f'dan il-kaz, anzi rizultanti l-oppost billi kif lill-imputata gie lilha indikat l-possibilita li tinsab b'nuqqas fil-vettura de quo, hija mill-ewwel hadet hsieb li eliminat dak li stat ta' fatt u ghaldaqstant il-prontezza taghha li taderixxi ruha mal-ligi jxejjen kull dubju li hija xi darba jew xi hin kellha l-intenzjoni li b'xi mod tikser l-ligi.

6. Illi subordinatament u bla pregudizzju, it-tmien aggravju li qieghed jinghata minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti huwa jikkonsisti fil-fatt li l-piena nflitta hija wahda eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-fatt li ghandha fedina netta u li tali fatturi ma jimmeritawx l-piena preskritta anke ghal fatt li l-att sehh minn terzi sa issa impuniti izda mhux injoti lill-Awtorita li ghandha d-dmir li tinvestiga u tiehu l-passi necessarji kontra taghhom.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża odjerna u ħassu aggravat bihom in kwantu li l-piena mogħtija mill-Qorti inferjuri kienet, minħabba fix-xorta jew kwantita' tagħha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-appellata instabet ħatja. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jintavola dan l-umli appell a bażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 21(3) tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għal kull buon fini l-esponent jirrileva li dan l-appell huwa limitat dwar il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati;

Illi l-esponent iħossu aggravat mis-sentenza appellata in kwantu li fil-waqt li jaqbel fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija, u liberazzjoni fl-akkużi kif dedotti, madanakollu l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellata għal piena li ma taqax taħt il-parametri previsti mil-liġi. Infatti fost l-akkużi dedotti kontra tagħha, l-appellata ġiet misjuba ħatja ta' l-imputazzjoni numru tnejn (2) u cioe' li bil-ħsieb li tevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovut jew li tista' ssir dovuta, naqset milli tagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kap 368 jew tajt avviż bħal dak jew fi stqarrija li għamlet lill-Awtorita għall-għanijiet ta' dan l-Att, tgħarif li kienet taf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali bi ksur ta' l-Artikolu 21(1)(a)(b) tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Artikolu 21 tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola hekk:

***21.*** *(1) Kull min-*

*(a) mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li taħtha setgħet ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, ikollu fil-pussess tiegħu, juża jew jippermetti li tintuża jew ibiegħ jew xort'oħra jittrasferrixxi jew joħroġ jew jippermetti li tinħareġ minn xi depożt tad-dwana jew ineħħi jew jippermetti li titneħħa minn xi mkien fejn vettura bil-mutur tkun ġiet manifatturata xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet reġistrata bis-saħħa ta' dan l-Att; jew*

*(b) bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta jew li tista' ssir dovuta jonqos milli jagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew lartikolu 10(1) jew l-artikolu 18(1)(g) jew jagħti f'avviż bħal dak jew fi stqarrija li jagħmel lill-Awtorità għall-għanijiet ta' dan l-Att tagħrif li jkun jaf*
*li ma jkunx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali; jew*

*ikun ħati ta' reat u meta jinstab ħati jeħel multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*(2) <u>Meta wieħed jinstab ħati ta' reat imsemmi fis-subartikolu (1)(a) jew (b), il-qorti **għandha**, b'żieda mal-piena stabbilita fis-subartikolu msemmi, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur li dwarha jkun sar ir-reat[1]</u>.*

Illi mid-diċitura ta' dawn l-artikoli hawn kwotati l-piena preskritta mil-Liġi għall dan ir-reat hija ta' multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien[2], *di piu'* meta persuna tinstab ħatja taħt l-artikolu 21(1)(a) jew (b) il-qorti **għandha**, b'żieda mal-piena stabbilita tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur li dwarha jkun sar ir-reat[3]. L-artikolu 21 (2) tal-Kap 368 ma

---

[1] Sottolinear tal-esponent.

[2] Art. 21(1) ta' Kap 368

[3] Art. 21(2) ta' Kap 368

jagħtix diskrezzjoni lill-Qorti jekk tordnax il-konfiska o meno, u għaldaqstant il-konfiska hija mandatorja.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa ndesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom ***Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio***[4], Il-***Pulizija vs. Jeremy James Farrugia***[5] u ***Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina***[6]**.** Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ il-**Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar, 2001, fejn il-Qorti qalet li:
*"Il-Qorti tal-Appell narament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami,*[7] *jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati,* ***jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi****."*[8]

Rat l-atti kollha tal-kawza.

---

[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[6] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[7] Sottolinear tal-esponent.

[8] Sottolinear / enfasi tal-esponent.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u billi ma saritx it-traskrizzjoni tax-xhieda li offrew id-depozizzjoni taghhom quddiem l-ewwel Qorti din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellanta fit-3 ta' April, 2016 ghal habta tas-sebgha ta' fil-ghaxija kienet giet imwaqqfa mill-pulizija. Hi kienet qed issuq vettura tal-ghamla Land Rover, bin-numru tar-registrazzjoni LGV 326. Din kienet vettura ta' ghamla kummercjali izda kellha zewg seats fuq wara meta mhux suppost. Hi qalet lill-pulizija li kienet xtrat il-vettura kif kienu qed jarawha l-pulizija.

Illi mill-provi jirrizulta li din il-vettura giet impurtata Malta minn terza persuna u mhux l-appellanta. Giet impurtata bhala vettura kummercjali u it-taxxi kollha dovuti gew imhallsa fid-data ta' l-importazzjoni.

Illi l-prosekuzzjoni ma resqet ebda prova li l-appellanta kienet taf li din il-vettura ma kinitx registrata skont il-ligi. Ix-xjenza tal-appellanta hi necessarja biex tigi radikata r-responsabilita' taghha ghall-evazjoni tat-taxxa dovuta skont l-artikolu 21(1)(a)(b)(c)(d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Avukat Generali appella mill-fatt li l-ewwel Qorti ma ordnatx il-konfiska tal-vettura in kwistjoni. Il-fatta li l-appellanta ma tistax tinstab hatja dwar l-evazzjoni ta' taxxa ggib il-konsegwenza li l-appell tal-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn ma nstabitx hatja tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tal-hames (5) u tas-sit (6) akkuza migjuba kontra taghha. Tilqa l-appell ta' Nadine Debono. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar it-tieni

(2), ir-raba' (4) u is-seba' (7) akkuza migjuba kontra taghha u tehles lill-appellanta minn kull htija u piena.  Tichad l-appell tal-Avukat Generali.